DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1467

tat-12 ta' Ottubru 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 ([1]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 tapplika sal-15 ta' Ottubru 2020. Fuq il-bażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sal-15 ta' Ottubru 2021.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1720 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Ottubru 2021 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1720 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (ĠU L 262, 15.10.2019, p. 58).